MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2401/2003

**Atlas Insurance Agency Limited u bhala rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc u b'nota prezentata fit-13 ta' Mejju, 2004 is-socjeta Atlas Insurance Limited assumiet fil-vesti ta' attur l-atti tal-kawza minflok is-socjeta Atlas Insurance Agency Limited, surrogata fid-drittijiet tal-assukurat taghha Ignazio Anastasi Ltd u l-istess Ignazio Anastasi Ltd**

**vs**

**Nazzareno Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Dicembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-

atturi s-somma ta’ tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm327.46) rappresentanti danni sofferti f’incident stradali li sehh f’Rahal il-Gdid fil-15 ta’ Jannar 2003 meta filwaqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru GAF 714, habat mal-vettura bin-numru LCC 216 proprjeta tas-socjeta attrici Ignazio Anastasi Ltd u misjuqa minn Christopher Bugeja, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra interpellatorja tta-3 ta’ Lulju 2003 u ta’l-ittra ufficjali tal-24 ta’ Ottubru 2003 u bl-imghaxijiet legali b’effett mill-24 ta’ Ottubru 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-18 ta’ Gunju 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u sebgha u ghoxrin lira lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm327.46), bl-imghaxijiet legali b’effett mill-24 ta’ Ottubru 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tal-24 ta’ Ottubru 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------